# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 379/10JRM**

**CENTRAL CIGARETTE COMPANY LIMITED (C – 2606)**

vs

**DIRETTUR TAL-UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA,** Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat u Interbrands Ltd. (C – 6959)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-16 ta' April, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjetà attriċi talbet li l-Qorti: (1) tiddeċiedi u tiddikjara illi s-sentenza mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) wara rikors tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fuq l-ilment bin-numru 4/2005 hija nulla u mingħajr ebda effett fil-liġi; u (2) tiddeċiedi u tiddikjara illi l-ordni ta' konformità maħruġ fil-konfront tagħha għall-għanijiet tal-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni b'deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni

Ġusta u kkonfermat mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust huwa null u mingħajr ebda effett fil-liġi. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April, 2010[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-noti imressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Mejju, 2010[2], li bihom semmiet min kien fi ħsiebha tressaq bħala xhieda tagħha u li bihom iddikjarat li ma kellhiex iżjed provi dokumentali xi tressaq;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta u l-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Mejju, 2010[3], li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu t-talbiet attriċi u qalu li d-deċiżjoni attakkata kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u kien jistħoqqilha tkun konfermata. Żiedu jgħidu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex il-kumpannija attriċi qiegħda tipprova tinqeda b'din il-kawża bħala sura ta' appell, meta fl-ebda waqt ma kienet qalet li l-Kummissjoni kienet naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettaq il-funzjonijiet tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Mejju, 2010, li biha l-kumpannija mħarrka Interbrands Limited laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-kumpannija attriċi naqset li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġetti tal-kawża, u li l-kumpannija attriċi trid tfisser fuq is-saħħa ta' liema liġi tressqet din l-azzjoni. Fil-mertu, warrbet it-talbiet attriċi bħala fiergħa u vessatorji, maħsuba biss bil-għan li l-kumpannija tissokta tkaxkar saqajha ħalli ma twettaqx l-ordni ta' konformità. Żiedet tgħid li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust hija ġusta, u b'din il-kawża l-kumpannija attriċi qiegħda biss tikkontesta l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Kummissjoni, liema apprezzament qatt ma jista' jwassal għal dikjarazzjoni ta' nullità tad-deċiżjoni attakkata. Temmet tgħid li l-ordni ta' konformità maħruġ mid-Direttur imħarrek saret ukoll skont il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2010[4], mill-avukat tal-kumpannija attriċi li biha fisser li, bi tweġiba għall-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka, l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ minn deċiżjoni tal-Kummissjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi bil-mezz tal-affidavit;

---

[1] Paġġ 29 u 30 tal-proċess
[2] Paġġ 35 u 36 tal-proċess
[3] Paġ 37 tal-proċess
[4] Paġ. 46 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha waqt is-smigħ;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-11 ta’Jannar, 2012[5];

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-29 ta’ Frar, 2012[6], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imħarrkin Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta u tal-Avukat Ġenerali mressqa fil-31 ta’ Jannar, 2013[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa ’l hemm imsejħa “CCC”) trid li l-Qorti ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kummissjoni”) f’Ottubru, 2009, li biha kkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (aktar ’il quddiem imsejjaħ “id-Direttur”) mogħtija fit-28 ta’ Settembru, 2005 (aktar ’il quddiem imsejħa “id-Deċiżjoni”), kif ukoll l-ordni ta’ konformità maħruġ mid-Direttur (minn issa ’l quddiem imsejjaħ “l-Ordni”) u kkonfermat mill-Kummissjoni, fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, huma nulli u bla effett;

Illi bis-sentenza tagħha, il-Kummissjoni sabet li l-esklussività operattiva minn CCC mal-ħwienet tal-inħawi ta’ San Ġiljan u Paċeville fuq il-magni awtomatiċi għall-bejgħ tas-sigaretti kienet tikser l-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni[8]. Sabet ukoll li l-ftehim milħuq bejn CCC u s-sidien tal-ħwienet, huwa abbużiv għax jikser l-artikolu 9 tal-istess Att. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll l-ordni ta’ konformità maħruġ mid-Direttur fuq CCC li bih ta l-jedd lil terzi li jistgħu jinqdew bla ħlas mill-magni awtomatiċi stallati minn CCC f’dawk l-inħawi biex jistivaw huma wkoll prodotti tagħhom tat-tabakk;

---

[5] Paġ 173 sa 222 tal-proċess
[6] Paġ 224 sa 231 tal-proċess
[7] Paġ 239 sa 246 tal-proċess
[8] Att XXXI tal-1994 (Kap 379)

Illi d-Direttur u l-Avukat Ġenerali laqgħu għal din l-azzjoni billi qalu li d-deċiżjoni attakkata kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u kien jistħoqqilha tkun konfermata. Żiedu jgħidu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex CCC qiegħda tipprova tinqeda b'din il-kawża bħala sura ta' appell, meta fl-ebda waqt ma kienet qalet li l-Kummissjoni kienet naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettaq il-funzjonijiet tagħha;

Min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Interbrands") laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li CCC naqset li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġetti tal-kawża, u li CCC għandha tfisser fuq is-saħħa ta' liema liġi tressqet din l-azzjoni. Fil-mertu, warrbet it-talbiet attriċi bħala fiergħa u vessatorji, maħsuba biss bil-għan li CCC tissokta tkaxkar saqajha ħalli ma twettaqx l-ordni ta' konformità. Żiedet tgħid li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija ġusta, u b'din il-kawża CCC attriċi qiegħda biss tikkontesta l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Kummissjoni, liema apprezzament qatt ma jista' jwassal għal dikjarazzjoni ta' nullità tad-deċiżjoni attakkata. Temmet tgħid li l-ordni ta' konformità maħruġ mid-Direttur imħarrek saret ukoll skont il-liġi;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u>, jirriżulta li CCC u Interbrands huma żewġ kumpanniji li n-negozju ewlieni tagħhom f'Malta huwa fil-qasam tal-importazzjoni u bejgħ ta' prodotti tat-tabakk, u għalhekk huma kompetituri ta' xulxin;

Illi fl-2000[9], CCC daħlet fi ftehim ma' sidien ta' ħwienet u stabbilimenti kummerċjali oħrajn (magħruf bħala "l-operatur" fil-kuntratt), biex f'isimha, ibiegħu ta' magni awtomatiċi ("*vending machines*") tagħha sigaretti li hija timporta f'Malta. L-operatur kien marbut li jimla l-magni u jara li l-magni jkunu mimlija f'kull ħin. Min-naħa l-oħra, CCC żammet il-jedd li tispezzjona l-magni x'ħin jidhrilha xieraq u mingħajr ebda preavviż. Il-ftehim kien għal sena u seta' jerġa' jiġġedded awtomatikament b'sena kull darba, sakemm xi parti ma tagħtix avviż li ma tridx iġġeddu aktar minn tal-anqas ħmistax qabel ma jkun se jagħlaq iż-żmien oriġinali jew kif imġedded. Kull parti żammet il-jedd li tinħall mill-ftehim billi tgħarraf lill-parti l-oħra b'avviż bil-miktub;

Illi fl-2001[10], sar tibdil fil-ftehim bejn CCC u s-sidien tal-ħwienet (aktar 'il quddiem imsejħa "is-Sid"). Filwaqt li s-sid jipprovdi l-post fejn kellha titqiegħed il-magna, l-istallazzjoni tal-magna u l-manutenzjoni tagħha kienu f'idejn CCC. Il-magna kellha ġġorr riklam ta' CCC u kellha titpoġġa f'naħa tal-istabbiliment magħżul minnha. Kull magna kellha timtela minn CCC, jew nies

[9] Ara l-mudell f'Dok. "RA1" f'paġġ. 117 sa 118 tal-proċess
[10] Dok. "RA2" f'paġġ. 119 sa 126 tal-proċess

f'isimha, bi prodotti tagħha, filwaqt li s-sid kellu l-obbligu li jgħarraf lil CCC meta l-magna titbattal. Fil-ftehim mibdul ukoll, CCC żammet il-jedd li x'ħin jidhrilha xieraq, tispezzjona l-magni mingħajr ebda preavviż. Il-ftehim kien għal sena u jiġġedded minn sena għal oħra. Kull parti żammet il-jedd li tinħall mill-ftehim billi tgħarraf lill-parti l-oħra b'avviż bil-miktub;

Illi fit-28 ta' Frar, 2001[11], Interbrands u JCC Vending Company Ltd ressqu lment mad-Direttur fejn għarrfuh bl-għamla ta' ftehim li kien qed jintlaħaq bejn Central Cigarette u s-sidien fiż-żona ta' San Ġiljan u Paċeville u dawk fiż-żona tat-tramuntana ta' Malta;

Illi, wara li tressaqlu l-ilment, minn eżerċizzju li għamel id-Direttur, ħareġ li CCC kellha dominanza tas-suq fl-imkejjen ta' San Ġiljan u Paċeville bi tnejn u tmenin fil-mija (82%)[12] tal-bejgħ ta' prodotti ta' tabakk li jsir hemmhekk. Ħareġ ukoll li tabilħaqq kien hemm bosta ftehim bejn CCC u s-sidien ta' għadd ta' stabilimenti, kif Interbrands kienet xliet li qiegħed jiġri. Minkejja dan, ma kien hemm ebda ftehim mas-sidien li kien iżommhom milli jżommu fl-istabilimenti tagħhom magni awtomatiċi ta' kumpanniji oħrajn, fosthom dawk ta' Interbrands[13]. Ħareġ ukoll li CCC kellha ftehim wkoll mas-sidien li jirċievu ħlas ta' kummissjoni fuq il-bejgħ ta' kull pakkett sigaretti mill-magni awtomatiċi tagħha jew somma globali mħallsa minn qabel maħduma fuq stimi tal-bejgħ relattiv mill-istess magni[14];

Illi permezz tad-Deċiżjoni tiegħu, id-Direttur wasal għall-fehma li, b'dik l-għamla ta' ftehim, CCC kienet qiegħda tinvolvi ruħha fi ftehim u prattiċi projbiti bi ksur tal-artikolu 5 tal-Att, u f'abbuż mill-pożizzjoni dominanti li għandha fis-suq bi ksur tal-artikolu 9 tal-istess Att. Bis-saħħa tad-Deċiżjoni, id-Direttur ħareġ l-Ordni li bih rabat lil CCC biex tgħarraf lis-sidien li, minn hemm 'il quddiem, fil-magni awtomatiċi provduti minnha, setgħu jqiegħdu u joffru għall-bejgħ sigaretti ta' distributuri oħrajn f'kemm jesgħu ħmistax fil-mija (15%) ta' kull magna, u rabatha wkoll biex tgħarraf lis-sidien tal-istabbilimenti li l-pattijiet tal-ftehim li tqiesu li kienu bi ksur tal-liġi ma kinux se jibqgħu jgħoddu aktar;

Illi CCC talbet lill-Kummissjoni tistħarreġ id-Deċiżjoni. Ftit jiem wara li ngħatat id-Deċiżjoni, CCC talbet gwida dwar jekk setgħetx timponi ħlas fl-użu tal-magni tagħha. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar, 2007, it-talba ta' CCC ma ntlaqgħetx, wara li d-Direttur qies li CCC kienet diġà qiegħda tagħmel qligħ mill-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk mill-magni tagħha[15];

---

[11] Dok. "SS1" f'paġ. 155 tal-proċess
[12] Dok. "A", paġ. 12 tal-proċess
[13] *Ibid* paġ. 11 tal-proċess
[14] *Ibid* pap. 12 tal-proċess
[15] Dok. "SS1" f'paġġ. 154 sa 161 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Charles Saliba mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 151 tal-proċess

Illi sadattant, is-smigħ quddiem il-Kummissjoni ħa numru ta’ snin. Tressqu provi, xhieda, rapporti u sottomissjonijiet minn kull parti interessata[16]. Fid-19 ta’ Ottubru, 2009[17], il-Kummissjoni tat is-sentenza tagħha (minn issa ’l hemm imsejħa “is-Sentenza”) billi sabet li d-deċiżjonijiet li kien wasal għalihom id-Direttur kienu mistħoqqa u kkonfermathom;

Illi fis-16 ta’ April, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi bħala kunsiderazzjoni ta’ natura legali, huwa xieraq li jingħad mill-bidunett li, għalkemm il-kawża tal-lum infetħet kontra d-Direttur u l-Avukat Ġenerali, fl-ewwel talba attriċi CCC qiegħda titlob it-tħassir tas-Sentenza li, kif ingħad qabel, ikkonfermat deċiżjonijiet mogħtija mid-Direttur rispettivament fit-28 ta’ Settembru, 2005, u fit-13 ta’ Jannar, 2007. Imma l-Kummissjoni m’hijiex parti f’din il-kawża, għalkemm dan ma għandux jinċidi fuq is-setgħa li l-Qorti tqis it-talbiet imressqin minn CCC u l-mod kif issawru[18];

Illi kif ingħad għadd ta’ drabi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma’ kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta’ korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta’ xi liġi, u dan bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilha taħt l-artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta[19] u mhux daqstant taħt dawk mogħtijin lilha taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi, li ma jgħoddux għall-każ ta’ tribunali statutorji jew kważi-ġudizzjarji[20]. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m’għandux jinbidel f’eżerċizzju ta’ appell minn jew ta’ reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[21]. Dan jgħodd iżjed u iżjed fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jirreferi għall-Kummissjoni li nħalaq bil-liġi għal għan speċifiku marbut mar-regolazzjoni ta’ prattiki kummerċjali li jwarrbu jew jheddu l-kompetizzjoni ġusta[22];

Illi b’mod partikolari, tali eżerċizzju ta’ stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li ddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta’ apprezzament ta’ oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux

[16] Ara f’dan ir-rigward Dok. “CCCL01” f’paġġ. 61 sa 110 tal-proċess; ix-xhieda mogħtija minn Dr Michael Tanti Dougall fil-kontro-eżami f’paġġ. 131 sa 132 tal-proċess; ix-xhieda ta’ Dr Simon Schembri f’paġġ. 163 sa 165 tal-proċess; il-kontro-eżami ta’ Dr Simon Schembri f’paġġ. 168 sa 171 tal-proċess.

[17] Dok. “A” paġġ. 5 sa 28 tal-proċess

[18] Ara App. Ċiv. **28.2.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Enemalta p.l.c. vs Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta et***

[19] App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers’ Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

[20] Ara App. Ċiv. **25.9.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Prim Ministru vs Victor Vella Muskat***

[21] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha

[22] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq***

fehem xi kunċett legali b'mod minflok mod ieħor[23]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-egħmil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tislet mis-sottomissjonijiet tal-għeluq imressqa minn CCC u li minnha toħroġ sewwa x'fehma u x'kien l-għan tassew tal-kawża tagħha tal-lum meta jingħad hekk: "*ir-raġunijiet li wassluha sabiex tintavola din il-kawża quddiem din il-Onorabbli Qorti huwa referibbli għall-fatt li fl-opinjoni tagħha u kif jirriżulta minn ħarsa mogħtija mill-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust fid-19 ta' Ottubru 2009, tali deċiżjoni kienet waħda li naqset milli tieħu in konsiderazzjoni, punti importantissimi li kellhom relevanza assoluta għal kif kellha tiġi konsidrata l-lanjanza preżentata mis-soċjetà konvenuta Interbrands Limited già Austria Tabak (Malta) Limited fil-konfront tagħha. .. .. Illi barra minn hekk, għandu jirriżulta wkoll evidenti fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti, li bosta konsiderazzjonijiet meħudin mill-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust għandhom jiġu meqjusa bħala flagrantement inkorretti*"[24];

Illi din is-silta, tajjeb jew ħażin, tikkonferma l-qafas tal-azzjoni ta' CCC. Allura, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel huwa mmirat lejn is-Sentenza tal-Kummissjoni, aktar milli lejn id-deċiżjonijiet tad-Direttur imħarrek. Huwa ċar li CCC hija marbuta bis-Sentenza li rratifikat id-deċiżjonijiet tad-Direttur. Daqstant ieħor huwa ċar li CCC trid twaqqa' l-imsemmija Sentenza sewwasew biex ma tkunx marbuta aktar bid-deċiżjonijiet tad-Direttur;

Illi joħroġ ċar ħafna li l-biċċa l-kbira tal-argumenti u provi li CCC ressqet f'din il-kawża jolqtu sewwasew l-apprezzament tal-provi li sar mill-Kummissjoni fis-Sentenza attakkata. Magħdud ma' dan, hija tisħaq li l-Kummissjoni donnha ma tat l-ebda każ ta' provi u argumenti mressqin minnha matul iż-żmien li l-każ kien qiegħed jinstema' minn dik il-Kummissjoni. Kien għal din ir-raġuni li din il-Qorti ma kinitx laqgħet it-talba tal-imħarrkin[25] biex tneħħi mill-atti tal-kawża x-xhieda bl-affidavit tal-konsulent legali ta' CCC u ta' żewġ uffiċjali tagħha, flimkien mad-dokumenti mehmużin magħhom, għaliex jidhrilha li dawn jgħinu biex wieħed jifhem tassew x'kien u x'għadu l-għan ta'

---

[23] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[24] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi f'paġ. 178 tal-proċess
[25] Ara rikorsi u digrieti f'paġġ. 134 sa 143 tal-proċess

CCC fil-każ tal-lum. Din il-Qorti ttenni dak li qalet aktar qabel li, safejn l-ilment ta' CCC mis-Sentenza jrid li din il-Qorti tevalwa hi dawk il-provi, il-limiti ta' stħarriġ ġudizzjarju jżommha milli tagħmel dan u li tintalab twettaq eżerċizzju li l-liġi tħallih biss lill-istess Kummissjoni u lid-Direttur imħarrek;

Illi, min-naħa l-oħra, CCC tgħid li l-Kummissjoni warrbet għal kollox ħafna mill-argumenti jew sottomissjonijiet tagħha u lanqas biss semmiethom meta fasslet is-Sentenza li tat dwar dan il-każ. Mela, fil-qafas tal-għamla ta' azzjoni mnedija minn CCC, din il-Qorti sejra tistħarreġ is-Sentenza f'dan ir-rigward biss;

Illi dan l-ilment ta' CCC mis-Sentenza attakkata jmiss l-aspett tal-prinċipju ta' ħaqq naturali li kull parti tingħata smigħ xieraq u li l-każ tagħha jinstema' u l-aspett l-ieħor li jitkellem dwar ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni li tkun attakkata;

Illi għar-rigward tat-tħaris tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li, irrispettivament minn jekk ikunx hemm xi dispożizzjoni espressa fil-liġi[26], kull organu li huwa fdat mil-leġislatur b'attribuzzjonijiet u funzjonijiet deċiżjonali li jolqtu l-jeddijiet ta' xi persuna, ma jistax fit-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet ma jħarisx il-prinċipji bażiċi tal-ħaqq naturali[27]. Tassew, ġie mtenni anke mill-Qrati li: "*l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorità mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'impunità*"[28];

Illi wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ħaqq naturali huwa dak magħruf bħala '*audi alteram partem*', li filwaqt li jimxi id f'id mal-jedd ta' smigħ xieraq, m'huwiex kundizzjonat bl-applikabilità tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Fih innifsu, il-prinċipju tal-'*audi alteram partem*' jitlob li qabel ma tittieħed xi deċiżjoni amministrattiva fil-konfront ta' xi persuna, dik il-persuna għandha tingħata opportunità li tiddefendi l-każ tagħha, u dan billi tingħata l-opportunità li tgħid tagħha u li tingħata widen tassew għal dak li jkollha xi tgħid. Il-Qorti tqis li l-ħarsien tal-jedd tal-*audi alteram partem* jitwettaq jekk kemm-il darba l-partijiet jingħataw opportunità effettiva li jressqu l-każ tagħhom lil dak il-korp li jitqabbad biex jiddeċiedi l-każ. Il-ħarsien ta' dak il-jedd ta' ħaqq naturali ma jitlobx tabilfors li s-smigħ tax-xhieda jkun *viva voce* u

---

[26] Ara f'dan is-sens App. Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Borg vs L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku***,

[27] Ara P.A. PS **27.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation***, u wkoll is-sentenza preliminari P.A. MCH **18.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Sylvann Aquilina Zahra vs Marcel Pizzuto et.***

[28] Silta meħuda mis-sentenza App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe. et.***. L-istess intqal fis-sentenza App. Ċiv. **14.7.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Riżorsi u l-Infrastruttura et.***

lanqas li jingħata l-jedd ta' kontro-eżami. Iżda proċedimenti li jħallu li ssir il-waħda jew l-oħra jkunu qegħdin jagħtu lill-partijiet għodda siewja biex it-tressiq tal-provi jkun regolat aħjar fl-interess tas-sewwa u bi twettiq usa' ta' dak il-jedd;

Illi mix-xhieda li ngħatat f'din il-kawża, ħareġ ċar li CCC u l-istess Interbrands (biex ma jingħadx ukoll l-istess dwar id-Direttur imħarrek), ingħataw kull opportunità mill-Kummissjoni biex iressqu l-provi u kif ukoll il-"*workings*" finanzjarji u eżerċizzji ta' stħarriġ tas-suq li dehrilhom li kellhom iressqu dwar din il-kwistjoni tal-bejgħ ta' sigaretti fl-inħawi ta' San Ġiljan u Paċeville. Mix-xhieda mogħtija mill-avukat difensur ta' CCC[29], joħroġ ċar bla ebda dubju li CCC ma nżammitx milli tressaq il-provi jew l-argumenti li dehrilha biex tattakka kemm id-Deċiżjoni u kemm l-Ordni li taha d-Direttur;

Illi minn dan il-fatt, il-Qorti tqis li l-Kummissjoni ħarset sewwa dak il-prinċipju ta' ħaqq naturali. Minkejja dan, CCC tilmenta li, meta ġiet biex tfassal is-Sentenza attakkata, il-Kummissjoni donnha ttarxet meta ġiet biex tisma' x'kienu l-argumenti tagħha u għamiet meta għaddiet biex tifli l-provi li ressqitilha quddiemha. CCC saħansitra tuża kliem iebes fil-konfront tal-Kummissjoni meta tixliha li fasslet is-Sentenza attakkata fuq fehma li diġà kellha[30];

Illi dan l-aspett tal-ilment, fil-fehma tal-Qorti, jolqot żewġ oqsma oħrajn ewlenin fil-qasam tal-istħarriġ ġudizzjarju: ir-raġonevolezza tas-sentenza u l-ħtieġa li tingħata motivazzjoni xierqa;

Illi, fir-rigward tal-ewwel element, il-kwistjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni jimxu id f'id. Flimkien magħhom, u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħti biha lill-awtorità li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[31];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-korp mogħni b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dak il-korp (li, fil-każ tal-Kummissjoni, kienet ippresjeduta minn ġudikant) u li timplika tabilfors element soġġettiv[32].

[29] Xhieda tal-Avukat Michael Tanti Dougall, f'paġ. 132 tal-proċess
[30] Affidavit ta' Ronald Abela f'paġġ. 115 – 6 tal-proċess
[31] DeSmith, Woolfe & Jowell *Principles of Judicial Review* (5th Edit, 1995), paġ. 296
[32] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)

Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtoriżżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq[33] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtoriżżata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li l-korp li hu mogħni b'diskrezzjoni jintalab jeżerċitaha f'każ li jkun naqas li jagħmel dan, imma ma jistax jingħadlu x'għandu jiddeċiedi jew li jwettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik il-korp tassew ikun qies il-kwestjoni li kellu quddiemu, u li dan għamlu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma qiegħed lilu nnifsu f'qagħda fejn ma setax jew irrifjuta li jwettaq dik id-diskrezzjoni[34]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-korp mistħarreġ m'għamilx dak li kien espressament miżmum milli jagħmel, jew jekk għamilx xi ħaġa li ma kienx awtoriżżat jagħmel. Fuq kollox, il-korp mistħarreġ irid ikun mexa *bona fide* u qies il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq b'liġi jaġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li jaġixxi *bona fide*[35]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[36]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-egħmil jew fid-deċiżjoni mistħarrġa, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[37];

---

[33] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[34] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[35] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** **(1924)** 2 K.B. 695
[36] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[37] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[38]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[39]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skont il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[40]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*"[41]. Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż[42]. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha[43];

Illi fis-sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*[44] Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "*In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decision-maker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it*'"[45];

Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji

---

[38] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10[tth.]. Edit), pġ. 295
[39] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[40] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[41] *Per* Wrenbury LJ in re ***Roberts vs Hopwood*** (**1925**) AC 578, a fol. 613
[42] Ara, b'eżempju, TRA GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministru tal-intern u Affarijiet Parlamentari et***
[43] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth *op cit*, (9[th] Edit) pġ. 354 u 363
[44] [**1947**] EWCA Civ 1; [**1948**] 1 KB 223 (Wednesbury).
[45] Barker, Justice Michael - *"Legal unreasonableness: Life after Li"* (FCA) [2014] FedJSchol 15

fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, '*the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether*". Dan hu hekk il-każ billi "*There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision*."[46]; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, '*would require something overwhelming*'. Intqal ukoll li '*unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification*'[47] u wkoll li "*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable*"[48]; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "*whether the decision was one which a reasonable authority could reach*"[49]. Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[50];

Illi għar-rigward tat-tieni element (jiġifieri dak li tingħata r-raġuni jew raġunijiet li fuqhom deċiżjoni tkun issejset), jinsab illum il-ġurnata stabbilit li l-għoti u t-tismija ta' raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjoni amministrattiva huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista' jqis is-siwi ta' dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta' dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x'ikun wassal lill-awtorità biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, x'qieset biex waslet għal deċiżjoni bħal dik[51], u x'rimedju jista' jkollu dwarha. L-awturi jgħallmu li "*The principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound*

---

[46] Leighton McDonald, '*Rethinking unreasonableness review*' (2014) 25 Public Law Review 117, 122-4
[47] (**2013**) HCA 18: (**2013**) 249 CLR 332 (Li). (High Court of Appeal tal-Awstralja)
[48] Fl-atti tal-kawża ***Re W. (an infant)*** (**1971**) AC682 at 700
[49] Fil-kawża fl-ismijiet ***Boddington vs British Transport Police*** (**1999**) 2 AC 143
[50] Fil-kawża fl-ismijiet ***R. vs W*** (**1971**) A.C. 682
[51] App. Ċiv. **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix pubblikata)

*system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others. .. .. Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully*"[52];

Illi dan li ngħad jgħodd bil-wisq aktar fejn l-awtorità li tkun qiegħda tagħti d-deċiżjoni tkun korp b'setgħat kważi-ġudizzjarji bħalma hija l-Kummissjoni[53];

Illi, kif ingħad aktar qabel, ir-raġuni ewlenija li fuqha huwa msejjes dan il-prinċipju ta' ħaqq naturali ġejja mill-fatt li persuna milquta b'deċiżjoni amministrattiva għandu jkollha l-għodda meħtieġa biex tista' tifhem u, jekk ikun il-każ, tattakka dik id-deċiżjoni jew titlob rimedju ieħor fejjiedi. Dan il-prinċipju jimxi id f'id mal-principju l-ieħor li kull parti għandha tingħata l-istess faċilità bħall-parti l-oħra (ġeneralment, l-awtorità pubblika) biex tressaq il-każ tagħha (il-prinċipju tal-"*equality of arms*"). Jitlob ukoll, fost ħwejjeġ oħrajn, li kull parti f'kawża jkollha l-opportunità raġonevoli li tressaq il-każ tagħha, inkluża l-fakoltà li tressaq xhieda, taħt kondizzjonijiet li l-ebda parti ma tkun *"at a substantial disadvantage"* fir-rigward tal-parti l-oħra; li kull parti jkollha l-opportunità u ż-żmien biżżejjed biex tħejji u tfassal id-difiża tagħha b'mod xieraq u mingħajr xkiel; li kull parti jkollha l-opportunità li tifli d-dokumenti li jitressqu fl-atti tal-każ u wkoll li teżamina x-xhieda prodotti mill-parti l-oħra; u, b'mod ġenerali, li r-restrizzjonijiet imposti mil-liġi domestika ma jwasslux sabiex parti ssofri *"actual prejudice"* b'mod li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq jiġi miksur[54];

Illi għal dak li jirrigwarda l-għoti ta' raġunijiet fid-deċiżjoni, ġie meqjus li deċiżjoni għandha jkollha dawk ir-raġunijiet indikati b'mod ċar tali li jwasslu lill-parti tifhem kif il-ġudikant ikun wasal għal konklużjoni skont kif indikat fis-sentenza[55]. Deċiżjoni ma għandhiex għalfejn tkun fit-tul u lanqas ma għandha għalfejn toqgħod telenka l-punti kollha sollevati. Madankollu, "*għandha tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawża fuq il-korrettezza fattwali u ġuridika tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni. .. .. ir-razzjonalità tal-motivazzjoni kellha fil-minimu tindika raffront bejn ir-raġuni tad-deċiżjoni u r-riżultanzi probatorji u l-prinċipju tad-*dritt applikabbli *.. .. kull min hu fdat bl-inkarigu li jiġġudika għandu jassikura, għall-aħjar korrettezza fil-*qadi *tad-*

[52] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (11th Edit, 2014) paġġ. 440 – 1
[53] F'dan ir-rigward, ara P.A. PS **27.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Simonds Farsons Cisk Ltd. vs Aġent Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta u l-Avukat Ġenerali*** (mhix appellata)
[54] Ara P.A. JŻM **30.3.2010** fil-kawża fl-ismjiet ***Stephen Galea vs Frans Farrugia et***
[55] Ara App. Inf. PS **12.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Falzon vs Noel Gauċi***

*dmirijiet tiegħu, illi jipprovdi tifsira ċara u raġjonata dwar il-kontenut sostanzjali tal-kontroversja. Dan anke jekk il-ħsieb formattiv tiegħu jkun wieħed konċiż, basta dejjem li, fl-istess waqt jindika ċirkostanzi speċifiċi li kienu jitqiesu minnu hekk idonej biex isostnu jew, xort'oħra jirrespinġu l-fatt kostitutiv tad-dritt, oġġett tal-ġudizzju*"[56]. Dawn il-ħtiġijiet tqiesu wkoll bħala meħtieġa f'każijiet ta' deċiżjonijiet dwar appelli mressqa quddiem korpi mwaqqfin b'liġi[57];

Illi marbut ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, tajjeb li l-Qorti ssemmi l-ilment ta' CCC li, fis-Sentenza attakkata, il-Kummissjoni lanqas biss semmiet xi provi jew sottomissjonijiet li għamlitilha li l-istess CCC tqis li "kienu essenzjali u deċiżivi"[58]. Tgħid ukoll li kien hemm sensiela ta' ħwejjeġ li kemm id-Direttur u kif ukoll il-Kummissjoni naqsu milli jieħdu kunsiderazzjoni tagħhom[59]. Fost dawn, CCC tilmenta mill-fatt li d-Direttur imħarrek innifsu bidel l-interpretazzjoni tal-Ordni fi ftit jiem wara li kien taha u l-Kummissjoni ma qalet xejn dwar dan[60];

Illi, min-naħa tagħha, Interbrands twarrab dawn l-ilmenti kollha u tistieden lill-Qorti żżomm quddiem għajnejha x'inhuma l-funzjonijiet ta' qorti li tistħarreġ għemil impunjat;

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti tagħraf li l-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-korp ġudizzjarju li jkun irid joqgħod isemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemu[61]. Ikun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dak il-korp iwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż[62] u sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-istess korp (kważi) ġudizzjarju fis-sentenza tiegħu ma tkunx kontradittorja mal-kunsiderazzjonijiet li jkun għamel biex wasal għall-parti deċiżorja[63];

Illi jekk minn qari ta' sentenza jew deċiżjoni li torbot ikun jidher li t-tribunal ikun għamel stħarriġ xieraq tal-kwistjonijiet rilevanti, imqar jekk ikun straħ ħafna fuq dak li jressqu quddiemu l-perizji tal-esperti maħtura jew fuq il-verżjoni ta' xi waħda mill-partijiet li jkun jidhirlu li għandu joqgħod aktar fuqha, dan ma jwassalx biex is-sentenza jew deċiżjoni mogħtija tkun milquta min-nullità[64];

---

[56] App. Inf. PS **18.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Eugene Cardona vs Transport Malta***
[57] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Teshome Tensae Gebremariam et vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** §§ 41 – 4
[58] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 182 tal-proċess
[59] *Ibid.* Taqsima 4 tagħha f'paġġ. 194 sa 213 tal-proċess
[60] *Ibid.* f'paġġ. 217 – 8 tal-proċess
[61] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Schembri vs Victor Portelli***
[62] App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri vs Eugenio Abdilla et***
[63] App. Inf. PS **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Ltd. vs Peter Axisa***
[64] App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Romeo Żahra et vs John Żerafa et***

Illi jekk wieħed jiġbor dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru u jqegħedhom quddiem is-Sentenza attakkata, għandu joħroġ li l-ilment ta' CCC ma huwiex mistħoqq taħt l-ebda waħda mir-raġunijiet li dwarhom din il-Qorti tista' tistħarriġha. Jista' jkun il-każ li CCC kellha raġunijiet tajbin dwar l-għamla u s-saħħa tal-provi li ressqet quddiem il-Kummissjoni, imma l-Qorti ma tistax u ma jmisshiex tidħol fuq dan fl-eżerċizzju ta' stħarriġ li ssejħet tagħmel;

Illi s-Sentenza fiha ġabra dettaljata tal-atti mressqin quddiemha kemm minn CCC u kif ukoll tad-Direttur imħarrek u ta' Interbrands. Tagħmel tismija tal-Ordni u l-eżerċizzju li wettaq id-Direttur imħarrek qabel ħarġu u x'wassal biex id-Direttur wasal għal dawk il-fehmiet. Imbagħad is-Sentenza tgħaddi biex tqis aspetti ta' dritt u ta' fatti riżultanti. Fost dawn tal-aħħar, qieset, taħt irjus għalihom, it-temi ewlenin ta' "Akkordji u Prattiċi Projbiti" u "Abbuż minn Posizzjoni Dominanti". Il-Kummissjoni għamlet sensiela ta' kunsiderazzjonijiet ta' dritt u apprezzament ta' fatti u applikat għalihom ġurisprudenza jew każistika mhux biss ta' Qrati Maltin, imma wkoll ta' Qrati barranin (b'mod partikolari l-Q.Ġ.U.E.);

Illi l-fatt li CCC ma qablitx ma' dawk il-kunsiderazzjonijiet ma jġibx miegħu l-effett li s-Sentenza attakkata ma kinitx tiswa, u lanqas ma tfisser li l-Kummissjoni ma tat l-ebda każ għall-provi li ressqet jew għas-sottomissjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni siltet mill-provi u mill-argumenti tal-partijiet dak li qieset li kien meħtieġ biex tiddetermina l-każ li kien quddiemha. Ma hemm l-ebda inkonsistenza bejn il-parti tas-Sentenza li tfisser il-kunsiderazzjonijiet li wettqet il-Kummissjoni u l-parti dispożittiva tal-istess Sentenza;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li CCC ma ġabitilhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex twassalha għall-fehma li s-Sentenza kienet frott ta' eżerċizzju diskrezzjonali irraġonevoli, jew li l-Kummissjoni mxiet lil hinn mis-setgħat tagħha, jew li naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali mistenni f'deċiżjonijiet bħal dawk. Għalhekk, l-**ewwel talba** mhix mistħoqqa u mhux se tintlaqa';

Illi safejn jirrigwarda t-**tieni talba attriċi** l-Qorti tqis li din toħroġ mis-siwi tal-ewwel talba, sewwasew għaliex fiha jingħad li l-validazzjoni tal-għemil tad-Direttur imħarrek saret mill-istess Kummissjoni fis-Sentenza tagħha attakkata. Issa, ladarba din il-Qorti fil-parametri stretti tal-azzjoni li tressqet quddiemha ta' stħarriġ, ma sabitx li s-Sentenza attakkata għandha titħassar, jiġi b'hekk li lanqas ir-ratifika tal-Ordni tad-Direttur u l-għemil tiegħu ma jistgħu jitwaqqgħu;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex se tilqa' lanqas it-tieni talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**